*“And they lived happily ever after.”*

Kollha hekk jispiċċaw l-istejjer ta’ mħabba fil-ħrejjef. Bl-aktar kliem ottimist u bellusi mid-dizzjunarju kollu. Frażi qarrieqa li biha nilludu ruħna li dik il-koppja, wara li tkun għelbet sħarijiet u sħaħar, draguni u kunjati, xejn qatt mhu se jifridha — u hekk sal-mewt. Gidba faħxija li ngħiduha lit-tfal biex inbellgħuhielhom li vera teżisti l-imħabba dejjiema. U t-tfal jemmnuna ... almenu sakemm dik id-dardira ta’ xagħarha malji l-iskola ma titilqekx waqt il-ġita tal-Form 3.

Il-ħrejjef maħduma bizzilla biex ikomplu jsaħħu din l-illużjoni. Tant hu hekk li ġeneralment l-istorja tispiċċa eżatt qabel ma jitfaċċaw il-baddies ta’ vera, dawk kattivi tant li fejnhom Captain Hook u Cruella de Vil jidhru qishom il-fidili — l-avukati divorzisti!

Jekk fostkom li qed taqraw, hemm l-avukat li

għada pitgħada jaf ikun qed jidher għal marti għad-divorzju, irrid niċċara, Sur Avukat, li fil-kapitli li ġejjin se ngħaddiha biż-żmien imma bla malizzja, bil-qbil u l-barka tagħha. Imma fuq kollox nixtieq ukoll ngħarrfek li kull waħda mit-traġedji li se nirrakkonta seħħet tassew u ma ivvintajthiex jien minn żniedi. Għandi mijiet ta' qraba u ħbieb, illi kieku jkollhom, sparati jiġu jixhdu favurija u jikkonfermaw taħt ġurament dak li ġara — anki għaliex raw, ipparteċipaw u, f'xi każi iktar sfortunati għalihom, daqu. Ħalli hekk, Dottore, dakinhar tal-qorti tkun tikka iktar ħanin miegħi. Jew almenu ttini dak id-daqsxejn ħjiel ta' tbissima bil-messaġġ ċar: *Naf tajjeb dak kollu li kellek tissaporti, jien miegħek inżomm, jiddispjaċini ħabib, imma jkolli nagħmel xogħli.*

Kif kont qed ngħid, l-istejjer ta' mħabba għandhom tmiem, expiry date, imma li s-soltu ma tantx ikun fih x'tirrakkonta. Anzi, ikun veru prevedibbli. Qrejjen, inganni, platti mkissra, SMS jikxiflek għajnek, biki u tgħażżiż ta' snien, pawsi ta' riflessjoni għalxejn, tfal imqabbża 'l hawn u 'l hemm, u l-kotba u d-diski u min se jieħu xiex u kif (dejjem jekk għandek aktar minn erbgħin sena, jekk le ħafna aktar faċli). Kollha kemm aħna kellna nissaportu d-drama ma jispiċċa qatt ta' tmiem t'għerusija jew

żwieġ ta' *x*i ħabib iddisprat. Fhimtuni *x*'qed ngħid. Xi drabi, ovvjament, konna aħna stess li qridna lill-iżvinturat li missitu jisma' l-biki meqrud u d-dispjaċiri milfuqa tagħna. Kollu għalxejn. Sigħat moħlija fil-biki għal storja li tkun għadha kemm spiċċat, u li għad nibkuhom tul is-snin. Kieku nista' nerġa' nġib lura dawk is-sigħat li qattajt nisma' d-diski ta' Baglioni wara li telqitni tfajla, sentejn minn ħajti nirbaħ kieku — mill-anqas!

It-tmiem ta' mħabba bħal kapitlu li għandu jitqatta' u jintrema mill-ktieb ta' ħajjitna. Mument bla bżonn li kulma jtina ġrieħi u dispjaċiri. Il-parti li taħkimna, dik li tbikkina u temozzjonana — kif jafu sew il-kittieba ta' Hollywood — hija dejjem il-bidu, li dejjem ikun differenti, anki jekk fl-aħħar mill-aħħar dejjem l-istess.

L-istejjer ta' mħabba kollha jibdew, infatti, bl-ewwel date.

## L-ewwel date

Għalkemm Shakespeare dad-dettall qatt ma ried jaqsmu magħna, anki Romeo u Ġuljetta, ferm qabel dik il-praspura bil-velenu, kellhom appuntament sigriet f'biċċa ta' bar ħdejn l-Arena ta' Verona. U ċert li anki Mickey Mouse u Minnie qabel ma bdew jinqerdu waħda sew ('qas li mhux ovvja li jinqerdu) marru drive-in flimkien jaraw film polizjesk għax hu ffissat fihom. U anki Roger u Jessica Rabbit, qabel ma l-fenek ġie ffrejmjat, kienu ltaqgħu fi kjosk f'Cartoonia jnaqqru hot dog mifqugħ mustarda. M'hemmx fejn iddur. Il-koppji kollha bdew il-vjaġġ ta' mħabba tagħhom bl-ewwel date. Kemm jekk tkunx ipprogrammata, tkunx kumbinazzjoni, ippjanata jew blind date, tkun xi tkun, hija l-mument l-aktar eċitanti, dramm bla skript u bla udjenza, żewġ karattri biss, moħħhom biex juru l-isbaħ kwalitajiet tagħhom lil xulxin u jaħbu l-elf difett li għandhom. Ġieli jġibuha żewġ — u hemm bil-kalma kollha

Kupidu jerħi l-vleġġa mill-qaws tiegħu — u ġieli le.

Però Kupidu 'qas biss xammu l-likk waqt l-ewwel ikla tant mistennija tiegħi ma' Claudia, il-mara li kelli niżżewweġ. Tant kienet diżastru dik il-lejla li niftakar kull dettall u kull sentenza qisu lbieraħ. Wara li ltqajna bi żbrixx waqt party għand xi ħbieb komuni, kien irnexxieli nikkonvinċiha mmorru nieklu flimkien. Naħseb aktar aċċettat għall-kirjanza milli għax vera kienet interessata fija. Ara jien, kont interessat ħafna fiha, għalhekk domt intella' u nniżżel biex nara fejn se neħodha tiekol. Għażilt restorant romantiku fiċ-ċentru storiku li l-ispeċjalità tiegħu kien il-laħam mixwi, is-salumi di cinta senese u l-mozzarella di bufala. Ikel li jġiegħlek temmen li Alla jeżisti, u li Hu minn Caserta. Ovvjament ma ridtx naqa' għan-nejk. Mort għaliha d-dar tagħha, puntwalissimu. Qabel, biex tara, anki l-Corolla ħsilt, ħaġa rarissima u trawmatika għall-karrakka leali tiegħi. Aħna u sejrin m'għidtilha xejn dwar il-ġenna tal-art gastronomika li kont se ndaħħalha fiha. Xtaqtha tkun sorpriża. U hekk kienet.

Bjadet mal-ewwel daqqa t'għajn lill-menù, imma ta' attriċi li hi, m'urietni xejn u għamlet tabirruħha li tant kien hemm affarijiet tajbin li ma kinitx taf eżatt x'se taqbad tieħu. Allura, meta wasal il-waiter, kontra kull regola tal-etiquette qbadt u ordnajt jien l-ewwel.

Kelli ċertu ġuħ u tlabtu bħala starter pata negra u ġobnijiet differenti, imbagħad fettuccine all'uovo biz-zalza tal-ħanżir salvaġġ ... u balla arrosticini bil-patata l-forn. Hekk, għat-togħma.

Claudia qisha mhix hi, u bil-kalma kollha ordnat platt indivja, żbib u prinjoli, u wara, serenament, platt insalata bla żejt u bla xejn. Niftakarni ngħid bejni u bejn ruħi, *Illostra xi dwejjaq, is-soltu attriċi moħħha fil-figure, dejjem fuq id-dieta.* Wara biss ftit minuti, però, jien u niffanga fl-isquacquerone, Claudia qaltli:

"E, bilħaqq, jien vegana."

Qalitha qisha kienet ovvja, tipo, "Kif, ma kontx taf?"

U żgur li ma kontx naf, qalleċ! Issa kieku kont naf, almadoff, hawn kont inġibek biex ngħabbik, il-Fiera taz-Zalzett?

Bqajt dawk l-ewwel ftit sekondi ċċassat, b'biċċa ġobon iddur ġo ħalqi. Dak il-ħin fhimt li l-bniedem kapaċi jaqra l-futur. Jien, in-Nostradamus ta' żmienna, fil-fatt kont żgur daqskemm jien żgur hawn li dakinhar jien u Claudia ma konniex se norqdu flimkien. U li dak il-ħalq vegan u immakulat tagħha ma kienx hemm ċans li jqarreb lejn xofftejja karnivori u mġewħa. Ejja ngħidu li biex nilħaq l-għan erotiku li tant twebbilt għalih, kien se jkun diffiċli daqs li nitla' l-Everest zopp u mingħajr tank

tal-ossiġnu. Poġġejt il-furketta fuq il-platt, u kważi fgat staqsejtha:

"Imma, vegana vegana?"

Xejn ma kienet brillanti l-mistoqsija. Li tkun vegan, fatt mhux opinjoni. Dan bħal meta tkun irqiq, qasir, fartas jew mejjet. Ħadd ma jistaqsik, "Imma ħatnek, fartas fartas?" jew, "Il-kunjata, mietet mietet?"

Fartas tfisser fartas. Mejjet tfisser mejjet. Vegana tfisser vegana. Daqshekk.

Bir-raġun kollu, weġbitni:

"Le ta, darba fil-ġimgħa mmur għall-kaċċa fil-foresta, naqbad ferħ ta' ċerva u nifgaw, u mbagħad inniffdu bi splengun u nħallih idur fuq in-nar."

Ċapċpithieli.

Sewwa, mela vegana. Informazzjoni fundamentali li ma waslitlix kmieni biżżejjed biex nippjana tattika difensiva kulinarja effikaċi. Ħarist madwari diżorjentat. Ir-restorant kien mimli ganċijiet prieżet, mortadelli u ġobnijiet imdendlin. Probabbli meta dħalna ħasbet li kont qed ngħaddiha biż-żmien jew nipprovokaha. Kelli niġbor ġieħi kemm jista' jkun malajr.

"Naħliflek li ma kontx naf."

"Nimmaġina. Tinkwetax għalija. Int kompli kul il-katavri, jekk jogħġbuk daqshekk. Jien demokratika."

Hawnhekk tajjeb niċċaraw punt. Din l-aħħar frażi kienet gidba ħoxna, waħda minn dawk li tgħid waqt l-ewwel appuntamenti. Bl-ebda mod ma kienet favur alimentazzjoni demokratika. Għal marti, dawk li ma kinux vegani kienu razza inferjuri, setta — mifruxa immens — ta' qattiela għatxana għad-demm, li jixirqilhom iqattgħu l-bqija ta' ħajjithom fil-ġuħ u fl-għaks jew maqfula għal dejjem Alcatraz, miftuħ mill-ġdid apposta għalihom. Sfortunatament dan kollu kelli nsir nafu meta kien tard wisq.

Biex nipprova ninġabar ftit, ħarist b'diżgust lejn il-pata negra mitluqa fuq il-platt u għamilt sinjal lill-waiter biex ineħħi kollox. Kelli nipprova nara kif se noħroġ minnha, imma kont naf li t-triq li kont dieħel fiha kellha aktar splussivi moħbija mid-deżert Iraqi.

"Allura intom il-vegani bħall-veġetarjani, hux hekk, ma tiklux laħam?"

Ikolli nammetti li dak iż-żmien ma tantx kont nifhem fis-suġġett.

"Iva," weġbitni, "imma lanqas prodotti oħra li jistgħu joħolqu xi tip ta' tbatija lill-annimali, bħall-ħalib u l-għasel pereżempju."

"E, l-għasel ukoll?"

"U żgur, povra naħal."

*Povra naħal*. Frażi li kien messha fetħitli għaj-

nejja. Dak il-ħin missni qomt bl-istess ħeffa ta' Usain Bolt malli jisma' l-isparatura, u tlaqt illebbet 'il barra fil-lejla Rumana b'kemm Alla tani saħħa, mingħajr 'qas biss inħallas il-kont. Sal-ġurnata tal-lum għadni ma nafx għaliex bqajt hemm. Mhux talli bqajt, talli biex taparsi nuri interess staqsejtha:

"Allura, x'tieklu eżatt?"

"Li jifdal. Żrieragħ, ċereali, legumi, frott u ħaxix. Inti taf, hux, li l-imsaren tagħna magħmula biex nieklu l-ħaxix, mhux il-laħam?"

F'daqqa waħda PLAĦĦĦĦ bħal qisu xi ħadd waddabni lura l-iskola, jien u niġi mistoqsi xi ħaġa mit-teacher Cotti Borroni, li ma kinitx taħmilni pinġut. Ovvjament kont se nerġa' naqla' ċ-ċamata tas-soltu. Weġibtha:

"Jiġifieri aħna mhux onnivori?"

"Le, mhux oriġinarjament. L-intestin tagħna fih kważi tmien metri, mentri dak tal-iljun pereżempju fih tliet metri biss. Huma l-annimali li jieklu l-ħaxix li tipikament ikollhom intestin twil."

"Ara, istra, 'qas kont naf—"

"Il-laħam ma tantx niddiġeruh sew," fehmitni Claudia, "tant hu hekk li kif ikun għaddej minn ġisimna jibda jiddekomponi ruħu."

Preċiż ma' "jiddekomponi", il-waiter poġġieli l-fettuccine quddiemi. Platt għaġin imqaddes kollu

zalza tal-laħam. Qabadni d-dardir inħares lejh.

"U anki l-ħalib tal-baqar diffiċli niddiġeruh," kompliet tgħidli Claudia. "Meta nikbru ma jkollniex aktar l-enzimi għal-lattożju. U dan jista' joħloq ħafna tipi ta' side-effects, tipo jintefaħlek l-istonku jew jaqbdek uġigħ ta' ras. Biex ma ngħidlekx dwar il-każeina u kemm tinfjamma l-organiżmu."

Kien għadni ma nistax nemmen li din is-serata kienet sejra b'dan il-mod u li bis-serjetà kollha konna qegħdin nitkellmu fuq il-każeina.

*"Allura lbieraħ għid … fuqiex tkellimtu int u Claudia?"*

*"Fuq l-effetti ħżiena tal-każeina!"*

Ippruvajt naqbad ma' kwalunkwe ħaġa biex ma nibqax b'ħalqi magħluq bħalma kont nagħmel quddiem Cotti Borroni:

"Jien, pereżempju, kważi kull filgħodu nqum b'uġigħ ta' ras, imma mbagħad nibla' żewġ Panadols u mill-ewwel jgħaddili."

"X'tieħu breakfast?" staqsietni b'dak it-ton ta' xi ħadd li ġa jaf it-tweġiba.

"Is-soltu tazza ħalib u xi biskuttell jew hekk, toast bil-butir u l-ġamm u xi drabi nieħu banana."

Tatni ħarsa bejn id-dardir u bejn ta' waħda li ma tistax temmen dak li qed tisma'.

"Int bis-serjetà?"